**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 29.1.12: IR-RABA' ĦADD MATUL IS-SENA.**

**JUM IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI**

**JUM IL-MORDA BIL-LEBBRA**

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco, patrun tat-Tfal u taż-Żgħażagħ, illum qed jinżamm Jum iċ-Ċentru Parrokkjali. Nitolbu għaż-żgħażagħ tagħna biex dejjem ifittxu postijiet li jagħtuhom formazzjoni verament tixraq lid-dinjita' tagħhom. U nitolbu wkoll għal dawk li huma responsabbli miċ-Ċentri tal-formazzjoni nisranija.

**IT-TLIETA, 31.1.12**: Festa ta' San Ġwann Bosco.

**HIGH TEA** Illum se isir High Tea li jibda fis-7.00p.m. u jkun fid-Dar Parrokkjali.

**IL-ĦAMIS, 2.2.12: FESTA TAL-PREŻENTAZZJONI TAL-MULEJ. (IL-GANDLORA)**

**JUM IL-ĦAJJA IKKONSAGRATA.**

Xieraq li llum nieħdu sehem fil-quddiesa u nagħmlu talb speċjali għall-Persuni ta' Ħajja Kkonsagrata.

Illum huwa l-ewwel Ħamis tax-Xahar u għalhekk fis-**7.00a.m**. ikun hawn il-konfessur barrani għall-qrar.

**Fis-6.00p.m.** Konċelebrazzjoni mis-saċerdoti tal-parroċċa biex ifakkru t-twaqqif tal-Ewkaristija u tas-saċerdozju. Isir talb bis-salmi flimkien mal-komunita'

**IL-ĠIMGĦA, 3.2.12: L-EWWEL ĠIMGĦA TAX-XAHAR.**

Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa u nitqarbnu

Illum ikun hawn Ġesu Espost għall-Adorazzjoni tagħna mit-8.00a.m. sal-11.00a.m. u mis-2.30p.m. 'l quddiem. Nistieden lil kulħadd biex jippjana ftit tal-ħin matul il-ġurnata biex jgħaddih ma' Gesu Ewkaristija.

**Fit-8.00p.m.** quddiesa għall-Professjonisti f'Santu Wistin

**IL-ĦADD, 5.2.12: IL-ĦAMES ĦADD MATUL IS-SENA**

**J U M I L - Ħ A J J A**

Din is-sena, *Dar Ġużeppa Debono* se torganizza ċelebrazzjoni llum il-Ħadd 5 ta' Frar, f'Ta' Pinu, u tibda fl-4.00pm b'mixja minn ħdejn is-siġra. Fil-5.00pm Mons. Isqof Mario Grech iqaddes fis-Santwarju Ta' Pinu.

**AVVIŻ MIS-SEMINARJU MINURI U MILL-ISKOLA SEKONDARJA TAL-KONSERVATORJU TAL-ISQOF**

Il-ġenituri/kustodji tal-Istudenti ta' Year 6 illi jattendu fl-iskejjel Primarji tal-Knisja f'Għawdex; jew jattendu fl-iskejjel Primarji tal-Gvern f'Għawdex imma li huma:-

subien li ħuthom jattendu fis-Seminarju jew bniet li ħuthom jattendu fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof;

subien li xi ġenitur tagħhom jaħdem/taħdem fis-Seminarju Minuri jew bniet li xi ġenitur tagħhom jaħdem/taħdem fil-Konservatorju tal-Isqof mitluba jirreġistraw lil uliedhom għad-Dħul fl-Ewwel Klassi tas-Seminarju Minuri u tal-Iskola tal-Konservatorju tal-Isqof **nhar l-Erbgħa u Ħamis, 1 u 2 ta' Frar mid-9:00 a.m. sal-11.30 a.m.**

L-applikazzjonijiet għat-tfal subien jimtlew fis-Seminarju waqt li għat-tfal bniet jimtlew fl-Iskola Sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof. Min japplika mitlub jieħu miegħu: Ċertifikat oriġinali tat-Twelid tat-tifel/tifla kif ukoll żewġ ritratti riċenti tal-passaport tiegħu/tagħha. Tkun mitluba wkoll il-Karta tal-Identita' tal-Ġenituri. It-tfal iridu jkunu mwielda bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċ. 2001. Isir ħlas ta' €10 mal-applikazzjoni.

**LAQGĦA GĦAD-DIRIĠENTI ecc.**

Se ssir laqgħa għal dawk kollha li huma responsabbli mill-Għaqdiet jew Grupp fil-parroċċa. Din se tkun nhar il-Ġimgħa, wara l-quddiesa ta' filgħaxija fid-Dar Parrokkjali.

**IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI:**

Huwa post ta' formazzjoni u rikreazzjoni għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ taħt il-ħarsien ta' persuni responsabbli u dedikati. Grupp ta' 33 żaru l-Faċilita' Korrettiva. Prosit . Din hija waħda mill-esperjenzi li jkollhom miċ-Ċentru Parrokkjali